II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/71

**tad-9 ta' Novembru 2018**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 58(7) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1307/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi regoli għal pagamenti diretti lill-bdiewa taħt skemi ta' appoġġ fil-qafas tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 637/2008 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 11(1) u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-Istati Membri għandhom inaqqsu l-ammont ta' pagamenti diretti li għandu jingħata lil bidwi għal kalendarja speċifikata, skont il-Kapitolu 1 tat-Titolu III ta' dak ir-Regolament, b'mill-inqas 5 % għall-parti tal-ammont li taqbeż EUR 150 000. Skont l-Artikolu 7(2) ta' dak ir-Regolament, il-prodott stmat tat-tnaqqis għandu jkun disponibbli bħala appoġġ addizzjonali għal miżuri tal-iżvilupp rurali.

(2) Sal-1 ta' Awwissu 2018 il-Litwanja nnotifikat lill-Kummissjoni kemm bid-deċiżjoni tagħha li tnaqqas l-ammont tal-pagamenti diretti kif ukoll il-prodott stmat tat-tnaqqis għas-sena kalendarja 2019.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu adattati l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 u l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 sabiex il-limiti massimi netti annwali għall-pagamenti diretti jirriflettu d-deċiżjoni meħuda mil-Litwanja. Jeħtieġ ukoll li jiġi adattat l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 sabiex it-tqassim annwali skont l-Istat Membru tal-appoġġ tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali jirrifletti ugwalment dik id-deċiżjoni.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 u l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487.
([2]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 608.

*Artikolu 2*

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2018.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS I*

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrata għal-Litwanja hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**Il-Litwanja** | 230 392 975 | 230 412 316 | 230 431 887 | 230 451 686 | 230 472 391 | 247 213 599 | 264 151 386 | 1 663 526 240" |

(2) L-entrata għat-Total tal-EU-28 hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**Total tal-EU-28** | 5 264 723 001 | 18 149 536 729 | 18 649 599 495 | 14 337 026 697 | 14 346 899 509 | 14 656 460 137 | 14 675 251 797 | 100 079 497 365" |

(3) L-entrata għat-Total hija sostitwita b'dan li ġej:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "**Total** | 5 298 853 700 | 18 183 668 706 | 18 683 732 774 | 14 371 161 305 | 14 381 035 473 | 14 690 597 483 | 14 709 390 553 | 100 318 439 994" |

*ANNESS II*

Fl-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 1307/2013, l-entrata għal-Litwanja hija sostwita b'dan li ġej:

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "Il-Litwanja | 417,9 | 442,5 | 467,1 | 475,3 | 483,3 | 517,0" |